# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ___________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F**(i) | **F**(ii) | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 6 | 24 | 6 | 6 | 7 | 15 | 16 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

### Il-Kalċju u Saħħitna




Il-kalċju huwa minerali ieħor ta' importanza kbira għal ġisimna. Dan għandna bżonnu primarjament biex l-għadam u s-snien jikbru u jibqgħu b'saħħithom. Barra minn hekk, jgħin fil-funzjoni tan-nervituri u l-muskoli, kif ukoll jgħin biex meta naqtgħu x'imkien f'ġisimna, id-demm jagħqad. Il-kalċju jgħin ukoll biex il-qalb taħdem kif suppost. (*par. 1*)

Ħafna mill-kalċju jinsab maħżun fil-għadam. Il-kumplament jinsab fid-demm. Meta l-livell tal-kalċju fid-demm jonqos, ġisimna jieħu l-kalċju mill-għadam biex iżomm il-livell meħtieġ. Jekk ikun hemm iżżejjed, dan jinħażen fil-għadam. (*par. 2*)

Il-kalċju insibuh fil-prodotti tal-ħalib li jinkludu jogurt, ġobon, rikotta, ġbejniet, kif ukoll bajd, ħut, ħaxix u frott. Sfortunatament huwa stmat li ma niħdux kalċju biżżejjed u għalhekk irridu nfittxu aktar ikel li għandu ammont ta' kalċju u ninkluduh fid-dieta tagħna ta' kuljum. Bħal fil-każ tal-ħadid, li nieklu ikel għoli fil-kalċju mhux biżżejjed. Għandna bżonn li nieklu ikel rikk fil-Vitamina D biex il-kalċju jiġi assorbit aħjar minn ġisimna. Dan jinkludi ħut żejtni kif ukoll l-abjad tal-bajd u prodotti li jkollhom il-kalċju miżjud, bħal xi ċereali. Ir-raġġi tax-xemx għandhom ammont ta' Vitamina D iżda fis-sajf irridu noqogħdu attenti mir-raġġi UV. (*par. 3*)

Huwa importanti li meta nkunu żgħar nikkunsmaw ikel u xorb għoli fil-kalċju biex, barra li l-għadam jikber b'saħħtu, ikollna ħażna tajba ta' dan il-minerali għal meta jkollna bżonnu. Meta nibdew nikbru, nitilfu l-kalċju u aktar ma nikbru aktar nitilfu minn dan il-minerali. Jekk ma noqogħdux attenti, l-għadam jibda jsir aktar dgħajjef u nistgħu nimirdu bil-kundizzjoni msejħa *ostoporosi*. Ħafna drabi nkunu nafu li għandna din il-kundizzjoni meta niksru xi għadma. Għalhekk huwa importanti li meta nikbru, niċċekkjaw il-livell tal-kalċju kull tant żmien. (*par. 4*)

Biex nevitaw l-*ostoporosi* rridu nieklu dieta bbilanċjata ta' ikel li hu għoli fil-kalċju. Irridu nagħmlu eżerċizzji ta' ftit strapazz, bħal mixi u għawm, li se jsaħħu l-għadam u jnaqqsu t-telf tal-kalċju. Huwa importanti wkoll li nnaqqsu t-tipjip u l-konsum ta' l-alkoħol. (*par. 5*)

Minkejja li ħafna drabi noqogħdu attenti x'nieklu, xorta waħda huwa importanti li nagħmlu *check-up* totali għall-anqas darba fis-sena. (*par. 6*)

(Addattament minn *Insajru Ma' Karmen Tedesco* - Is-sitt volum ta' Karmen Tedesco)

## A. FEHIM IT-TEST (6 marki)

1. Ikteb raġuni **WAĦDA** għaliex il-kalċju huwa meqjus bħala minerali importanti. (*par. 1*)

   ______________________________ (1)

2. Fejn jinsab maħżun ħafna mill-kalċju? (*par. 2*) ______________________________ (1)

3. Għaliex jeħtiġilna nieklu iżjed ikel li fih il-kalċju? (*par. 3)* ______________________________

   ______________________________ (1)

4. Għaliex irridu noqogħdu attenti aktar ma nikbru? (*par. 4*) ______________________________

   ______________________________ (1)

5. Semmi ż-żewġ raġunijiet għaliex il-mixi u l-għawm huma importanti. (*par. 5*) ________

   ______________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-frażi li turi li l-kalċju huwa wieħed minn għadd ta' minerali li huma importanti għal saħħitna. ______________________________

   ______________________________ (1)

7. Aqra l-aħħar sentenza tat-tielet paragrafu u minnha ikteb il-kelma li qiegħda tgħaqqad żewġ ideat flimkien. _________ (1)

8. Mir-raba' paragrafu ikteb il-frażi li turi x'għandna nagħmlu sa minn meta nkunu żgħar.

   ______________________________ (1)

9. *barra li l-għadam jikber b'saħħtu, ikoll**na** ħażna tajba ta' dan il-minerali.* (*par. 4*) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż ***na*** fil-kelma: *ikoll**na***? ________________ (1)

(ii) **LESSIKU/VOKABULARJU**

10. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess.

a) primarjament (*par. 1*) - ____________________ (1)

b) kumplament (*par. 2*) - ____________________ (1)

ċ) ninkluduh (*par. 3*) - ____________________ (1)

d) ħafna (*par. 6*) - ____________________ (1)

(iii) **SINTASSI/SENTENZA**

11. Ikteb l-ewwel sentenza tas-silta mod ieħor iżda żomm l-istess tifsira.

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

12. Għaqqad dawn is-sentenzi mit-tieni paragrafu billi tagħżel il-kelma jew il-frażi t-tajba mill-parentesi: (bilkemm, waqt li, sakemm)
Ħafna mill-kalċju jinsab maħżun fil-għadam. Il-kumplament jinsab fid-demm.

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

13. Ikteb f'kelma waħda: jgħin lilna - _______________ (1)

14. *...aktar ma nikbru aktar nitilfu minn dan il-minerali.* (*par. 4*) Ikteb il-pronom dimostrattiv użat f'din is-sentenza. __________ (1)

15. Agħżel it-tajba.

a) Huwa importanti li nieklu ikel sustanzjuż ______ (għal, għall-) ġisimna.

b) Therese kienet ġejja _______ (mill-, mil-) lezzjoni tat-tisjir.

ċ) Għamlet kejk tajjeb ________ ('il,'il-) ħutha. (3)

16. Ikteb in-numri fi kliem.

a) Riedet titma' 3 _________ itfal.

b) Kelli 11 ______________ riċetta minn fejn nagħżel.

ċ) Fis-7 ____________ tlaqt nimxi.

d) Mill-maratona tal-ġiri nġabru Lm132 __________________________ lira Maltin.(4)

17. Oħroġ kelma miz-zokk morfemiku: konsum - ______________________ (1)

18. a) Agħti l-għerq tal-verb: insibuh - _______________ (1)

b) *insibuh* huwa verb dgħajjef (moħfi, assimilattiv, nieqes) ___________________ (1)

19. Aqleb fin-negattiv.

Inħobb niekol. -- ______________________________. (1)

20. Illum aħna ninkludu. -- Ilbieraħ aħna ____________. (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

1. Ikteb **Tajjeb** jew **Ħażin** biex turi jekk il-verbi frażjali humiex użati kif suppost.

a) L-istudenti **daħlu għal** biċċa xogħol tal-proġett b'ruħhom u b'ġisimhom. _________ (1)

b) **Waqaf ma'** ħutu fil-bżonn. ______________ (1)

ċ) Ix-xogħol tal-ġnien kien iserrħu u għalhekk kien **jagħmlu fuq qalbu**. ____________ (1)

2. Kompli l-qawl u agħti t-tifsira tiegħu.

a) Min imaqdar _____________________________ (1)

b) Tifsira - ______________________________________________________________ (1)

3. Daħħal il-qawl **l-għajat nofs il-bejgħ** f'sentenza biex turi x'ifisser.

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)



Ħdejkom ġew joqogħdu tnejn min-nies. F'madwar sittin kelma ikteb dwar id-differenzi u/jew xebh li qiegħed/qiegħda tosserva fil-karattri tagħhom.

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

## E. TIFTIX-TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (7 marki)

F'madwar sittin kelma ikteb dwar is-sehem li ta lill-kultura Maltija wieħed mill-personaġġi li għamilt tiftix dwaru għall-proġett.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - POEŻIJA - Nadriet 2 (15-il marka)

Wieġeb A, B, Ċ

A. **WIED QIRDA** ta' Dun Karm



Nisma' ġol-fraxxnu u ġol-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min qed ibati
u jigdem l-art fl-uġigħ ta' l-aħħar firda;

1. Il-poeżija *Wied Qirda* hija (patrijottika, eleġijaka)
   ____________________ (1)
2. a) Il-poeżija hija (sunett Shakespearjan, sunett Petrarkan) ____________________ (1)
   b) Is-sunett imsemmi f'2a) fih __________-il vers. Il-vers tal-ħdax jissejjaħ ________________.
   L-istrofi huma maqsumin f'żewġ ______________ u żewġ ______________. (4)
3. F'madwar għoxrin kelma agħti l-ħsieb ta' dan is-sunett. ____________________
   ________________________________________
   ________________________________________ (2)

B. F'madwar erbgħin kelma rrakkonta l-ġrajja ta' Pawla u l-kavallier fil-poeżija *Ballata* ta' Rużar Briffa.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (5)

## Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI

*Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* ta' Ġorġ Borġ, *Settembru* ta' Wallace Ph. Gulia, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan, *Sjesta Maltija* ta' Kilin, *Univers leħor* ta' Dun Karm, Ġ*unju* ta' Dun Karm, *Marsaxlokk* ta' Charles Flores

Agħżel poeżija **WAĦDA** u, f'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li xtaq iwassal il-poeta b'dak li kiteb.

Il-poeżija - ______________________________ Il-poeta - ______________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (16-il marka)

Wieġeb A u B.

A. **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit

Agħżel 1 **jew** 2 u ikteb madwar mitt kelma.

1. Irrakkonta l-ġrajja biex turi għaliex in-novella jisimha *Ferħa Bla Temma.*

**JEW**

2. Għid għaliex in-novella jisimha *Nies Bla Sabar* billi tirrakkonta l-ġrajjiet li għadda minnhom is-sur Anġ.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (8)

B. **ĦOLM TAL-MILIED?** ta' Trevor Żahra

Agħżel 1 **jew** 2 u ikteb madwar mitt kelma.

1. Semmi xi aspetti folkloristiċi li jissemmew fir-rumanz u ikteb dwarhom.

**JEW**

2. Ikteb dwar it-tieni laqgħa ta' Leli ma' Betti meta mar jaraha max-xiħ id-dar tagħha.

(8)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb dwar **WIEĦED** minn dawn f'madwar 250 kelma. (Ikteb fuq karta separata)

1. Ktieb imwarrab jirrakkonta l-istorja ta' ħajtu.
2. Is-saħħa tkun taf kemm tiswa meta timrad - Irrakkonta.
3. L-eżerċizzji fiżiċi huma tajbin għas-saħħa. Ikkummenta.
4. Ikteb dwar esperjenza personali meta mort barbikju ma' tal-familja.
5. Fil-kċina tan-nanniet.